BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 01/12 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 25 ta' Jannar 2012 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |

## *AĠENDA -1*

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 11/11 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u T.Roberts issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## *AĠENDA -2*

Peress li ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa l-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-aġenda li jmiss.

## *AĠENDA -3*

Il-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti s-sejħiet pubbliċi u l-kwotazzjonijiet.

- *Kwotazzjoni Nru. 12/11 – Servizz ta' Internal Auditor*

| Nru. | Kuntrattur | Ammont fis-sena |
|---|---|---|
| 1 | Doreen Mintoff | €3120 |
| 2 | Nexia BT Advisory Services Ltd. | €19500 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1 – Ms. Doreen Mintoff minħabba li kienet l-orħos.

- *Offerta Pubblika Nru. 05/11 – Kiri ta' Tipper Truck*

| Nru. | Kuntrattur | Rata għal kull gurnata | Rata fis-siegha |
|---|---|---|---|
| 1 | Charles Fenech | €71.00 | €20.00 |
| 2 | Fabio Bonavia | €233.00 | €30.00 |
| 3 | Ronald Bezzina | €50.00 | €11.50 |

Wara li l-Kamra evalwat il-prezzijiet, fejn iddiskutiet jekk l-orħos prezz kienx jirrifletti is-servizz mitlub, il-Kamra unanimament qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 1 – is-Sur Charles Fenech minħabba li l-prezz kwotat minnu kien jirrifletti aktar il-prezzijiet tal-ġurnata għas-servizz mitlub. Il-Kamra qieset ukoll is-servizz lis-Sur Charles Fenech tana b'effiċjenza matul is-snin li għaddew.

- *Offerta Pubblika Nru. 06/11 – Servizz ta' Handyperson*

| Nru. | Kuntrattur | Rata fis-siegħa |
|---|---|---|
| 1 | Angelo Cutajar | €6.00 |

Minħabba li għal dan is-servizz tefa' l-offerta Kuntrattur wieħed, il-Kamra aċċettat il-prezz tiegħu.

- *Offerta Pubblika Nru. 07/11 – Tindif ta' Postijiet Pubbliċi*

| Nru. | Kuntrattur | Ammont fis-sena |
|---|---|---|
| 1 | Francis Mifsud | €15236.76 |
| 2 | Ronald Bezzina | €3480.00 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel lill-Kuntrattur Nru. 2 - is-Sur Ronald Bezzina peress li kien l-orħos wieħed. Ukoll il-Kamra qieset is-servizz li s-Sur Ronald Bezzina ta b'effiċjenza lill-Kunsill Lokali matul it-tlett snin li għaddew minħabba li hu l-Kuntrattur kurrenti għal dan is-servizz.

***<u>AĠENDA -4</u>***

Il-Kamra wara li evalwat ir-rapporti tal-iskrivani li ressqet is-Segretarju Eżekuttiv approvat biex iż-żewġ skrivani jiġu allokati bil-*full performance bonus* skont kif stipulat fil-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kamra jekk kienx hemm bżonn li toħroġ mill-Kamra għall-evalwazzjoni tal-*performance bonus* tagħha. Il-Kamra ma ratx li hemm bżonn u wara li evalwat ir-rapport imressaq mis-Sindku ġie approvat biex tieħu l-*full performance bonus*. Is-Segretarju Eżk. għan-nom tagħha u tal-iskrivani irringrazzjat lis-Sindku u lill-Kunsillieri kollha b'dan il-ġest.

***<u>AĠENDA -5</u>***

Minħabba li r-rapporti in kwistjoni kienu għadhom m'humiex finalizzati, l-Kamra għaddiet sabiex tiddiskuti l-aġenda li jmiss.

***<u>AĠENDA -6</u>***

Ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kamra s-*surveys* mimlija fir-rigward tal-*kjosks* tal-festa. Kien hemm 404 resident li jixtiequ li l-kjosks tal-festa jintramaw fil-Bajja s-Sabiħa, 29 resident li jintramaw fi Triq San Patrizju u 12 invalidi. Għaldaqstant il-Kamra qablet li l-*kjosks* tal-festa għandhom jintramaw fil-Bajja s-Sabiħa skont ix-xewqa tal-maġġoranza.

***AĠENDA -7***

Tressqu l-pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2012. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €125,751.61 titħallas skont Skeda Nru. 01/12.

***AĠENDA -8***

1. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

   - il-Kunsill Lokali ser japplika għar-restawr ta' bjar taż-żejt li jinsabu fuq il-blat fi Triq Birżebbuġa taħt Memo 122/2011.

   - il-Kunsill Lokali ssuġġerixxa żewġ *electric vehicles charging points* lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (MRRA) li huma fi Triq San Patrizju (wara l-latrini pubbliċi) u ħdejn il-monument ta' Bush u Gorbachev. J.Baldacchino ssuġġerixxa li għandna nżidu sit ieħor li hu ħdejn il-latrini pubbliċi ta' San Ġorġ fi Triq Birżebbuġa . Kulħadd qabel.

   - is-somma miġbura b'risq il-Community Chest Fund hi ta' €265.65.

2. J.Baldacchino ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward ta' kummenti li saru fil-paġna tal-Kunsill fuq facebook fuq il-bini li hemm f'Wesgħa Carmelo Caruana. Is-Segretarju Eżk. infurmat lill-Kamra li l-Kunsill Lokali reġa' ġibed l-attenzjoni tal-*Enforcement Officer* fuq dan il-każ.

3. T.Roberts informa l-Kamra li residenti talbu bozza fi Triq l-Immakulata Kunċiżzjoni faċċata tal-Kappella kif ukoll għandna talba għal tlett bozoz fi Triq F.M.Ferretti. Dawn il-bozoz kollha jridu jsiru fuq arbli. Għaldaqstant il-Kamra qablet li qabel napplikaw għal dawn il-bozoz għanda tinġieb kwotazzjoni għat-twaħħil ta' l-arbli.

4. B.Pace infurmat lill-Kamra li wara diversi laqgħat li kellha ma' rappreżentant tar-Ramblers Association, dawn ser jorganizzaw mixja kulturali fil-lokalita' għal membri tagħhom. B.Pace ukoll infurmat lill-Kamra li qed tipprova tagħmel mixja simili ma' l-istess assoċjazzjoni għar-residenti. Kulħadd qabel.

5. Ġie ippreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-rendikont ta' 'Jum L-Anzjan' fejn id-dħul kien ta' €618.15 u l-ħruġ kien ta' €618.00. Għaldaqstant il-Kamra approvat il-qliegħ ta' €0.15.

***Għeluq***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fis-7.00pm. Seduta oħra ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2012 fit-8.30am. .

.

| ........................................ | .............................................. |
|---|---|
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |